A.L. 7 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Translation jew għall-Grad ta' Master in Interpreting taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Translation jew għall-Grad ta' Master in Interpreting u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Translation jew għall-Grad ta' Master in Interpreting - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 67 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2009 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) L-applikanti għad-dħul fil-Kors għandhom jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti:

(a) jkollhom grad ta’ Bachelor miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f’Kategorija II fi kwalunkwe suġġett; u

(b) jgħaddu test fejn tkun eżaminata d-dispożizzjoni tagħhom u/jew jgħaddu minn intervista li ssir għal dan il-għan.

(2) L-applikanti li għandhom il-Postgraduate Diploma in Translation and Interpreting jistgħu jitħallew jidħlu fit-Tieni Parti tal-Kors, jekk ikunu temmew b’suċċess il-programm tal-Postgraduate Diploma b’marka medja minima ta’ 65%, sakemm li dawn l-applikanti jkollhom jagħżlu jew “Translation” jew “Interpreting” bħala l-qasam ta’ studju ta’ riċerka tagħhom.”